# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-10 ta' April 2025

**Rik. Gur.Nru.: 435/2024 JPG**

**Kawza nru.: 17**

**CP**
**Vs**
**LG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CP datat 5 ta' Settembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi jia zzewwget lill-intimat fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) – (Certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A);*

*Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) (kopja annessa u mmarkata bhala Dok B);*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, E li twieldet f'X u JM li twieldet f' Y;*

*Illum il-manteniment ghal ulied il-partijiet dejjem thallas u ma hemmx arretrati ta' manteniment;*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti CP titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat LG bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet `biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportune li joaghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikata ma deherx, ma ntavola ebda risposta guramentata u ghaldaqstant huwa kontumaci skont il-ligi;

Rat illi l-Qorti akkordat lill-intimat il-fakolta li tipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fi zmien ghaxart ijiem ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12. (Vide Fol 22)

Rat illi l-intimat baqa’ inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-attrici (Vide Fol 22) ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x’tipproduci.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici (vide affidavit fol 17)** iddikjarat illi il-partijiet izzewgu nhar it-12 t’Ottubru 1997

u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Iddikjarat illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 29 ta' Settembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**Il-Qorti rat** illi l-intimat debitament notifikata ma deherx, ma ntavola ebda risposta guramentata u ghaldaqstant gie dikjarat kontumaci;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 t'Ottubru 1997 liema zwieg jgib certifikat numru 1830/1997 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4 ). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar it-29 ta' Settembru 2014 (Vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-attrici affermat illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1830/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**